**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

**2017/2067(INI)**

2.2.2018

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar l-Istrateġija Ewropea dwar Sistemi Kooperattivi ta' Trasport Intelliġenti (2017/2067(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Christel Schaldemose

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar l-Istrateġija Ewropea għal Mobbiltà b'Emissjonijiet Baxxi adottata f'Lulju 2016, li tenfasizza l-potenzjal tal-vetturi kooperattivi, konnessi u awtomatizzati fil-ħolqien ta' ekosistema ta' mobbiltà u b'hekk fit-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet mit-trasport bit-triq, li għadhom jammontaw għall-parti l-kbira tal-emissjonijiet mit-trasport;

2. Jistieden lill-Kummissjoni tirrikonoxxi s-sinifikat dejjem ikbar tal-emissjonijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja, inkluż fil-provvista, il-fażijiet mill-produzzjoni u tmiem il-ħajja tal-enerġija, billi tippreżenta proposti olistiċi li jiggwidaw lill-manifatturi lejn soluzzjonijiet ottimali, sabiex ikun żgurat li l-emissjonijiet upstream u downstream ma jwasslux għat-tinwir tal-benefiċċji relatati mal-użu operazzjonali mtejjeb tal-vetturi konnessi u awtomatizzati;

3. Jilqa' l-Istrateġija Ewropea dwar Sistemi Kooperattivi ta' Trasport Intelliġenti (C-ITS) bħala qafas komuni ta' azzjoni; jappoġġa bil-qawwa l-iżvilupp ta' qafas legali adegwat tal-UE għall-użu tas-C-ITS, inkluż għat-territorji tal-UE li mhumiex konnessi mal-Ewropa kontinentali, u biex jiġi ffaċilitat l-investiment fl-infrastruttura meħtieġa; jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-possibbiltajiet tad-Direttiva dwar l-ITS (2010/40/UE) f'dan ir-rigward;

4. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi t-trasport urban bl-ajru u fuq l-ilma fl-Istrateġija C-ITS, b'enfasi fuq il-multimodalità u l-integrazzjoni ta' modi differenti ta' trasport, li jistgħu jagħmlu t-trasport iktar effiċjenti u sostenibbli;

5. Jenfasizza l-ħtieġa li tingħata prijorità lill-appoġġ pubbliku għas-C-ITS f'termini tal-potenzjal tagħha li ssaħħaħ il-modi kollettivi tat-trasport u tar-ride-sharing; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkooperaw mill-qrib mal-awtoritajiet lokali u reġjonali li jipprovdu servizzi tat-trasport pubbliku biex jeżaminaw il-possibbiltajiet tas-C-ITS għat-trasport pubbliku u intermodali sabiex jintlaħaq livell għoli ta' integrazzjoni tat-trasport privat u pubbliku bil-għan li jkun hemm mobbiltà aktar sostenibbli;

6. Jemmen bis-saħħa li l-istabbiliment tas-C-ITS għandu jiffoka fuq l-utent u li ċ-ċittadini għandhom ikunu jistgħu jikkonnettjaw ma' dawn is-sistemi bil-karozza privata tagħhom;

7. Jilqa' l-potenzjal tas-C-ITS biex jissaħħaħ l-infurzar tas-sikurezza fit-triq u r-regoli tat-traffiku; jilqa' wkoll il-benefiċċji tal-komunikazzjoni C-ITS, fosthom li s-sewqan isir aktar sikur billi jinforma malajr u b'mod preċiż lis-sewwieqa dwar l-istat tat-traffiku, żoni perikolużi u problemi oħra li jkunu qed iseħħu madwarhom, u l-fatt li ċ-ċentri ta' informazzjoni u ta' ġestjoni tat-trasport jistgħu jirċievu informazzjoni preċiża u komprensiva dwar is-sitwazzjoni attwali tat-traffiku direttament mill-vetturi, li jagħmilha possibbli għalihom li malajr u b'mod effettiv jimmaniġġjaw u jinfluwenzaw il-fluss tat-traffiku u jżidu s-sigurtà;

8. Jirrimarka li l-ħolqien tas-C-ITS ibbażat fuq il-komunikazzjoni (skambju ta' data) mhux

biss bejn il-vetturi individwali iżda wkoll bejn il-vetturi u l-infrastruttura huwa sfida oħra sinifikanti fil-qasam tal-partijiet elettroniċi tal-karozzi u l-ITS; Jenfasizza li s-C-ITS jjippermettu li l-vetturi jikkomunikaw direttament ma' xulxin, kif ukoll li l-vetturi u l-unitajiet tal-ITS jibgħatu informazzjoni lill-infrastruttura tat-trasport, li mbagħad tibgħat din l-informazzjoni liċ-ċentri ta' informazzjoni u ta' ġestjoni tat-trasport, b'tali mod li jgħinu fit-tnaqqis tal-impatt tat-traffiku fuq l-ambjent;

9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-potenzjal tas-C-ITS għat-teħid ta' azzjoni preventiva kontra l-ismogg u livelli għolja ta' konċentrazzjoni tal-ożonu u t-tnaqqis tat-tniġġis akustiku u tal-emissjonijiet ta' partikulati, ta' NOx u ta' CO2;

10. Ifakkar li l-aċċettazzjoni tal-utenti aħħarin tal-fjuwils alternattivi tiddependi b'mod qawwi fuq id-disponibbiltà tal-infrastruttura tal-fjuwil jew tal-iċċarġjar, u jenfasizza li meta informazzjoni dwar tali infrastruttura (eż. punti ta' ċċarġjar mill-ġdid mhux okkupati fil-viċin) ssir aċċessibbli tista' tagħti spinta lid-domanda; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħti prijorità lill-faċilitazzjoni ta' dawn is-servizzi;

11. Jinnota l-potenzjal kbir tas-C-ITS biex itejbu l-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil, filwaqt li jnaqqsu l-kost tat-trasport individwali kif ukoll l-impatt negattiv tat-traffiku fuq l-ambjent;

12. Itenni r-rwol ewlieni ta' vetturi konnessi u awtomatizzati, tas-C-ITS u ta' teknoloġiji ġodda biex jintlaħqu l-miri b'rabta mal-klima, u l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-iżvilupp u l-użu tagħhom ikunu konformi bis-sħiħ mal-għan ta' dekarbonizzazzjoni tas-sistema tat-trasport u jappoġġawh; jilqa' b'sodisfazzjon l-użu tas-C-ITS bħala mezz biex titjieb l-effiċjenza, jitnaqqas il-konsum tal-fjuwil u l-impatt tat-trasport bit-triq fuq l-ambjent (pereżempju, f'termini ta' emissjonijiet ta' CO2) u jiġi ottimizzat l-użu tal-infrastruttura urbana;

13. Jenfasizza l-potenzjal tat-teknoloġiji innovattivi bħas-sewqan awtomatizzat u l-"platooning" (raggruppament ta' vetturi tas-sewwieqa) fit-trasport tal-merkanzija bit-triq, li jippermettu użu aħjar tal-islipstream bir-riżultat li jitnaqqas il-konsum tal-fjuwil u l-emissjonijiet; jappella għal appoġġ ulterjuri għar-riċerka u l-iżvilupp f'dak il-qasam, b'mod partikolari b'rabta mal-infrastruttura diġitali meħtieġa;

14. Jenfasizza l-importanza tal-interoperabbiltà u jqis li l-Kummissjoni għandha tiffaċilita sistemi interoperabbli b'mod teknoloġikament newtrali;

15. Jenfasizza l-importanza ta' sistema ta' sensuri fil-provvediment ta' data dwar id-dinamiki tal-vetturi, il-konġestjoni u l-kwalità tal-arja, pereżempju; jitlob li jkun hemm aktar investiment ikkoordinat b'mod xieraq fl-Istati Membri biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà sħiħa tas-sensuri użati u l-użu possibbli tagħhom għal applikazzjonijiet oħra minbarra s-sikurezza, pereżempju t-telerilevament tal-emissjonijiet;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti biex tiżgura li l-informazzjoni dwar emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu disponibbli permezz ta' sensuri installati fil-vetturi hija miġbura u magħmula disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti;

17. Jenfasizza l-potenzjal tas-C-ITS biex imexxu 'l quddiem l-integrazzjoni tal-vetturi

awtonomi, bil-għan li tingħeleb il-problema tal-"aħħar mil", jiġifieri d-distanza miċ-ċentru tat-trasport sad-destinazzjoni finali;

18. Jenfasizza li s-C-ITS jistgħu jtejbu s-sikurezza fit-toroq billi b'mod sinifikanti jnaqqsu l-inċidenti kkaġunati mill-bniedem, li għadhom l-kawża ewlenija tal-inċidenti tat-trasport;

19. Jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-aċċess għad-data relatata mat-traffiku għall-atturi pubbliċi u privati bħall-fornituri tal-mapep diġitali u tas-servizzi tan-navigazzjoni, billi dawn is-servizzi huma fundamentali biex jiġi permess trasport intermodali, rotot aktar effiċjenti u sewqan awtomatizzat; jenfasizza, madankollu, li l-fiduċja tal-utent aħħari fil-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza hija kruċjali biex tinkiseb aċċettazzjoni tal-kondiviżjoni tad-data individwali; jappoġġa għalhekk l-approċċ tal-Kummissjoni ta' "protezzjoni ta' data mid-disinn u b'mod awtomatiku" kif spjegat fl-Istrateġija C-ITS;

20. Jissottolinja li l-kooperazzjoni fil-livell lokali u reġjonali dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' C-ITS interoperabbli u, fejn meħtieġ, armonizzati, hija kruċjali fl-UE kollha, inkluż f'territorji li mhumiex konnessi mal-Ewropa kontinentali;

21. Jenfasizza li t-twaqqif ta' C-ITS transfruntiera huwa wieħed mill-għanijiet tal-UE, u li azzjoni meħuda b'dak l-għan tqiegħed il-pedamenti għall-użu madwar l-Ewropa kollha tas-C-ITS; iqis li teknoloġiji tas-sistemi kooperattivi ġew żviluppati bħala parti mill-proġetti xjentifiċi u ta' riċerka Ewropej, u ġew imnedija għall-ittestjar pilota madwar l-Ewropa; jenfasizza li l-maġġoranza tat-teknoloġija meħtieġa u adegwata għal sistemi kooperattivi diġà ġiet standardizzata mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), l-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni (ETSI) u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO);

22. Jistieden lill-Kummissjoni tqis ir-rispons u r-riżulati tal-proġetti pilota fil-kuntest tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa;

23. Jirrimarka li l-kostruzzjoni sistematika ta' sistema tat-trasport intelliġenti li toħloq il-kundizzjonijiet għall-moviment tal-persuni u l-oġġetti sikur, bla xkiel, ekonomiku u favur l-ambjent hija sfida importanti għas-soċjetà tal-lum; iqis li mod possibbli ta' kif tintlaħaq l-isfida jkun li jinħolqu sħubijiet stabbli, fit-terminu twil bejn il-korpi u l-istituzzjonijiet tar-riċerka Ewropej u nazzjonali rilevanti, li jrendu l-iżvilupp tas-sistema tat-teknoloġija u tat-trasport sal-punt fejn l-użu ta' kuljum tagħhom jista' jgħin biex jinkisbu l-għanijiet fit-terminu twil fil-politiki tal-UE;

24. Jinnota li finanzjament sostanzjali għall-vetturi kooperattivi, konnessi u awtomatizzati diġà sar disponibbli fil-livell tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw il-provvediment tal-finanzjament meħtieġ għall-iskjerament tas-C-ITS fit-terminu twil, filwaqt li jiżguraw il-komptabbiltà u l-interoperabbiltà tad-diversi sistemi fil-livell internazzjonali;

25. Jenfasizza li sabiex jiġu ssodisfati l-impenji internazzjonali dwar il-klima u jintlaħqu l-miri interni tal-UE, hija meħtieġa bidla komprensiva fid-direzzjoni ta' ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju; jenfasizza għalhekk, il-ħtieġa għal tiġdid tal-kriterji ta' allokazzjoni ta' fondi differenti tal-UE sabiex jitrawmu d-dekarbonizzazzjoni u l-miżuri ta' effiċjenza enerġetika, inkluż fis-C-ITS; iqis li l-finanzjament tal-UE taħt l-ebda ċirkostanza m'għandu jkun allokat lil proġetti li mhumiex konformi mal-miri u

mal-politiki li għandhom l-għan li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$;

26. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti l-attenzjoni dovuta lill-protezzjoni tad-data, lir-regoli tar-responsabbiltà u lill-ġlieda kontra t-terroriżmu fl-iżvilupp tas-C-ITS;

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 24.1.2018 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 50<br>–: 1<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Marco Affronte, Pilar Ayuso, Ivo Belet, Simona Bonafè, Biljana Borzan, Paul Brannen, Soledad Cabezón Ruiz, Nessa Childers, Birgit Collin-Langen, Seb Dance, Mark Demesmaeker, Stefan Eck, José Inácio Faria, Francesc Gambús, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Arne Gericke, Julie Girling, Françoise Grossetête, Andrzej Grzyb, Jytte Guteland, Anneli Jäätteenmäki, Karin Kadenbach, Urszula Krupa, Giovanni La Via, Jo Leinen, Peter Liese, Susanne Melior, Gilles Pargneaux, Piernicola Pedicini, Bolesław G. Piecha, John Procter, Julia Reid, Frédérique Ries, Daciana Octavia Sârbu, Annie Schreijer-Pierik, Renate Sommer, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Ivica Tolić, Adina-Ioana Vălean, Jadwiga Wiśniewska, Damiano Zoffoli |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Elena Gentile, Martin Häusling, Norbert Lins, Nuno Melo, Ulrike Müller, Christel Schaldemose, Bart Staes, Keith Taylor, Carlos Zorrinho |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Jiří Maštálka |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 50 | + |
|---|---|
| ALDE | Gerben-Jan Gerbrandy, Anneli Jäätteenmäki, Ulrike Müller, Frédérique Ries |
| ECR | Mark Demesmaeker, Arne Gericke, Julie Girling, Urszula Krupa, Bolesław G. Piecha, John Procter, Jadwiga Wiśniewska |
| EFDD | Piernicola Pedicini |
| GUE/NGL | Stefan Eck, Jiří Maštálka |
| PPE | Pilar Ayuso, Ivo Belet, Birgit Collin-Langen, José Inácio Faria, Francesc Gambús, Elisabetta Gardini, Françoise Grossetête, Andrzej Grzyb, Giovanni La Via, Peter Liese, Norbert Lins, Nuno Melo, Annie Schreijer-Pierik, Ivica Tolić, Adina-Ioana Vălean |
| S&D | Simona Bonafè, Biljana Borzan, Paul Brannen, Soledad Cabezón Ruiz, Nessa Childers, Seb Dance, Elena Gentile, Jytte Guteland, Karin Kadenbach, Jo Leinen, Susanne Melior, Gilles Pargneaux, Christel Schaldemose, Daciana Octavia Sârbu, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Damiano Zoffoli, Carlos Zorrinho |
| Verts/ALE | Marco Affronte, Martin Häusling, Bart Staes, Keith Taylor |

| 1 | - |
|---|---|
| EFDD | Julia Reid |

| 1 | 0 |
|---|---|
| PPE | Renate Sommer |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni